MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 38

Il-Ħamis, 7 ta' April, 2022

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa għall-laqgħa b'urġenza permezz ta' Microsoft Teams meeting fid-12:00.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Skużat

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 38.1 Community Workers Scheme u Materja Relata;

38.1.1 Is-Sindku qal li ġie infurmat li jekk il-Kunsill japprova, se jiġu assenjati erbgħa ħaddiema tal-Community Workers Scheme mal-Kunsill ta' San Lawrenz. Hu kompla jgħid li dawn ser ikunu assenjati bħala tlieta handy man u oħra bħala cleaner. Hu qal ukoll li kieku kien jaf, il-Kunsill seta jevita' l-kuntratt tal-knis għax kienu jnaddfu t-toroq huma.

Saret diskussjoni li jekk possibli u skont il-kundizzjonijiet tagħhom, il-cleaner peress li għandha skill ta' hairdresser taqta' x-xahar lir-residenti ta' San Lawrenz li huma homebound. Is-SE qalet diġa talbet għad-designations tal-ħaddiema pero s'issa m'irċiviet xejn.

38.1.2 Is-Sindku qal li din is-sitwazzjoni tal-ħaddiema ħolqot sitwazzjonijiet oħra. Hu kompla jgħid li peress li l-ħaddiem Stephen Piscopo qed jgħin biex iqassam ix-xogħol tagħhom hu, hu xieraq li jkollu żieda ta' €150.00 fix-xahar fil-paga. Il-Kunsill qabel unanimament.

38.1.3 Is-Sindku qal ukoll li hu flimkien mas-SE u l-staff tal-uffiċċju kellhom laqgħa. Ms Sharon Mizzi talbet li peress li ilha dawn l-aħħar tmien snin mal-Kunsill, tixtieq li tkun assenjata iktar responsabilita' u tiġi ikkumpensata bi paga aħjar, għaliex hi għandha l-istess paga tal-ħaddiema l-ġodda. Il-Kunsill qabel unanimament li ninfurmaw lid-District Operations li Ms Sharon Mizzi tiġi ikkumpensata €250.00 fix-xahar. Is-Sindku kompla jgħid li Ms Loretta Cauchi issa ikun hemm bżonn li tidħol full time bl-istess skala sabiex tgħin fiż-żieda tax-xogħol. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 38.2 Tender tal-Open Skips;

38.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) infurmat lill-Kunsill li t-Tender tal-Open Skips li għandna diġa jopera wasal biex jiskada. Il-Kunsill qabel unanimament li jerġa jiftaħ is-sejħa.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv